Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

# Seduta numru 53. Illum it-Tlieta, 5 ta' Mejju 2009

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

**Approvazzjoni tal-Minuti**
**Korrispondenza**
**Komunikazzjonijiet mis-Sindku**
**Budget Annwali 2009-2010**
**Offerta ghall-Installazzjoni ta' Soffitti fl-estensjoni tal-Kunsill**
**Offerta ghall-ghamara fl-Ufficcju amministrattiv**
**Offerta ghall-Installazzjoni ta' Lift**
**Zjara mill-Comune di Mathi**
**Festa Frawli 2009**
**Affarijiet Mixxellanji**

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt, Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 433.0 Approvazzjoni tal-Minuti

433.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

433.2 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-Minuti, Is-Sindku rrakkomanda l-approvazzjoni tal-Minuti. Il-Kunsilliera approvaw il-Minuti u dawn gew ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

### 434.0 Punti mill-Minuti

434.1 Il-laqgha mac-Chairman tal-Mepa dwar il-caravans fil-Bajja tal-Gnejna se ssir nhar il-Gimgha, 22 ta' Mejju.

434.2 Il-Kunsill se jippartecipa fl-iskema dwar l-accessibilita mahruga mis-Segretarjat ghall-Gvern Lokali li se taghlaq fil-15 ta' Mejju, biex jigu koperti parti mill-ispejjez biex jigi nstallat il-lift fl-estensjoni tal-Kunsill.

## 435.0 Korrispondenza

435.1 Il-Kunsill qabel li Memo 28/09 tithalla fid-diskrezzjoni tal-Legislatura li jmiss.

435.2 Il-Vici Sindku Giovanni Gatt, il-Kunsillier David Battistino u l-Kunsillier Agostino Ebejer attendew ghal-laqgha tal-Kunsillieri tal-Majjistral nhar is-Sibt, 24 ta' April.

435.3 Il-Kunsill laqa' t-talba ta' persuna li tablet permess biex thejji t-tieg taghha fil-bajja tal-Gnejna fl-24 ta' Gunju 2010. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kundizzjonijiet li se jigu imposti biex isir dan it-tieg.

435.4 Il-Kunsill qabel li japplika għal fondi taht l-iskema ta' l-ispecial funds, taht Memo 25/2009 biex issir rikostruzzjoni ta' parti minn Triq is-Santi u resurfacing ta' Triq il-Kbira, peress li dawn il-progetti jaqghu taht ir-risponsabilita ta' l-ADT izda jidher li ma hemmx pjan li jsiru fil-qrib.

435.5 Il-Kunsill qara email mis-Sovrantendenza tal-Wirt Kulturali dwar proposta biex jithejja progett ta' skavar minn persuni volontarji madwar il-knisja Sant Anna. Il-Kunsillier David Battistino ppropona li tali progett jigi assenjat lil numru ta' zghazagh mis-Sottokumitat taz-zghazagh. Is-Sindku qal li tali proposta trid tigi studjata fid-dettall u ppropona li ssir laqgha mas-Sovrantendenza tal-Wirt Kulturali f'dan ir-rigward.

435.6 Il-Kunsill qabel li jigi evalwat id-dokument ta' l-offerta għall-gbir ta' skart kif imfassla mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ikun jista' jigi ppublikat fix-xhur li jmiss. Il-Kunsill se jikkonsulta mad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar din l-offerta.

## 436.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

436.1 Is-Sindku nforma dwar il-laqghat li saru mal-konsulenti tal-kumpanija ADI dwar il-progett ta' l-ERDF, taht mizuri 313 u 323, dwar il-possibilita li l-hitan tas-sejjieh fi Triq l-Armagg, Triq tat-Taqsisa, il-Hireb u parti minn Triq is-Santi, jigu rrangati b'fondi mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku nforma li qed jigi analizzat ta min huma l-eghlieqi, biex il-bdiewa jkunu jistghu jigu kkuntattjati u mistiedna jippartecipaw fl-iskema li taghti rimbors ta' 90% ta' l-ispejjez biex jitrangaw il-hitan. L-applikazzjoni taghlaq fid-29 ta' Mejju.

436.2 Is-Sindku ppropona li fid-dawl tax-xoghlijiet u t-tisbih li qed isir fl-Ufficcju Amministrattiv, tigi studjata l-possibilita li l-post jghaddi 'l-Kunsill permezz ta' devoluzzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

436.3 Is-Sindku ppropona li fid-dawl tal-kundizzjoni hazina ta' Triq l-Imqades, din tigi moghtija t-tarmak, filwaqt li jigu mibdula s-servizzi ta' l-ilma. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill se jinforma l-Awtoritajiet koncernati b'dan l-izvilupp.

## 437.0 Budget Annwali 2009-2010

437.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tat rendikont ta' l-ispejjez finanzjarji li ghamel il-Kunsill matul is-sena precedenti u l-ispejjez rikorrenti tal-Kunsill.

437.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suggett fid-dettall u gew elenkati l-prijoritajiet li ghandu l-Kunsill ghas-sena finanzjarja li gejja.

**438.0 Offerta ghall-Installazzjoni ta' Soffitti fl-estensjoni tal-Kunsill**

438.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, akkumpanjata minn zewg Kunsillieri fethu l-offerti sottomessi ghall-offerta ghall-Installazzjoni ta' Soffitti fl-estensjoni tal-Kunsill. B'kollox gew sottomessi hames offerti u gew sottomessi minn;

- Project Teknik
- Guillaimier
- Spot On
- Xuereb Installation
- Portelli & Brincat

438.2 Il-Kunsill innota li tlieta mill-kuntratturi ma ssottomettewx il-garanzija bankarja ma l-offerta, li kienu Project Teknik, Spot On u Portelli & Brincat. Il-Kunsill qabel li jaccetta dawn l-offerti, minhabba l-valur baxx ta' din l-offerta.

438.3 Il-Vici Sindku Giovanni Gatt kien skuzat f'dan il-hin, 9.50 p.m.

438.4 Il-Kunsill qabel li jiehu decizjoni dwar din l-offerta fil-laqgha li jmiss.

438.5 L-iskeda tal-prezzijiet ta' din l-offerta qed tigi annessa ma dawn il-Minuti.

**439.0 Offerta ghall-ghamara fl-Ufficcju amministrattiv**

439.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, akkumpanjata minn zewg Kunsillieri fethu l-offerti sottomessi ghall-offerta ghall-ghamara fl-Ufficcju amministrattiv. L-Offerti sottomessi kienu jammontaw ghal tlieta u gew sottomessi minn;

- C.Fino & Sons Ltd.
- Krea Ltd.
- Alfa Ltd.

439.2 Il-Kunsill ra d-disinni proposti minn kull kuntrattur u ghamel evalwazzjoni tal-prezzijiet.

439.3 Kien hemm qbil li decizjoni dwar din l-offerta tittiehed fil-laqgha li jmiss.

439.4 L-iskeda tal-prezzijiet ta' din l-offerta qed tigi annessa ma dawn il-Minuti.

439.5 Giet approvata l-lista ta' hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti.

439.6 Fl-10.15p.m., is-Sindku ppropona li l-laqgha tigi aggornata ghal nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2009, fis-6.30 p.m. Il-Kunsill qabel.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***


Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku


***Sindku** : Paul Vella, **Vici Sindku** : Giovanni Gatt,*
***Kunsillieri** : Victoria Sammut, David Battistino, Agostino Ebejer*
***Segretarju Ezekuttiv** : Christine Falzon Dip.Gen.Mgt.(MSM),MIM*